# Dr Paolo Nani



*kitba tas-Sur Daniel Vella*
*Preżentatur Marċifest – Radju Malta*

Fil-'Malta Letterarja', Giugno 1904, insibu tifkira ta' Dr Paolo Nani, Avukat u Mużiċista kbir mill-poeta u rumanzier, il-prokuratur Legali Ġużè Muscat Azzopardi, minn Ħal Qormi, li f'ismu u f'ġieħu, ibnu Ġino waqqaf fondazzjoni ta' Midalja tad-deheb sabiex b'tifkira ta' missieru tingħata ta' kull sena mill-aħjar kittieb tal-Malti.

Fl-1833, Dr Paola Nani laħaq Avukat bħal missieru Dr Giuseppe li kien ħa sehem ġmielu fil-kompożizzjoni tal-Kodiċi Penali ta' Malta. L-istudju tal-letteratura u tax-xjenza legali fl-Università ta' Malta wisq aktar irraffinaw u kabbru l-ġenju mużikali ta' Dr Paola Nani li wassluh biex għaraf iħożż f'noti l-ħsus ċivili u edukattivi ta' moħħu, ta' qalbu u ta' ruħu.

Dr Paola Nani twieled fil-Belt Valletta fit-18 ta' Novembru 1814, sewwa sew sena wara t-twelid ta' Giuseppe Verdi u Richard Wagner, tgħammed fil-Kolleġġjata ta' San Pawl u miet ta' 90 sena fit-22 ta' Marzu 1904, mibki minn kulħadd.



X'kiteb, x'ħadem, x'għamel Dr Paola Nani? Ta' 19-il sena, liebes it-toga u l-berittin narawh qiegħed jirċievi l-warrant t'avukat minn idejn il-Gvernatur General Fredrick Cavendish Ponsonby; tgħallem il-mużika għand Dun Ġużepp Burlò; narawh jitħeġġeġ għall-arti li wasal biex iwarrab f'ġenb il-professjoni nxteħet b'ruħu ġismu għall-mużika, u biex aktar jitkisser f'din l-arti angelika, tbiegħed minn Malta u mar tkennen fil-Konservatorju San Pietro a Majella, Napli, taħt iċ-ċelebri Zingarelli. Fl-1838 u mhux fl-1832 kif jgħid Levanzin fil-Malta Letterarja, Dr Paola Nani kkompona l-ewwel sinfonija, *Il Naufragio*, imfaħħra mill-istess Donizzetti. Donizetti ħabib ta' Dr Paola Nani, bħala tifkira rregalah il-pinna tiegħu. Din il-pinna tinsab miżmuma b'għożża minn neputih, is-Surmast Pawlu Nani.

Għall-40 sena għallem il-kant fl-iskejjel elementari tal-gvern; għamilha ta' Konċertatur u Direttur tal-Orkestra tat-Teatru Rjal, sar il-Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata ta' San Pawl u wara sittin sena, għeluq il-Ġublew tad-Djamanti ta' servizzi mill-aħjar, narawh jirċievi tazza tal-fidda mingħand il-Kapitlu, u fl-aħħar nett ta' 89 sena, lejlet San Pawl, fl-1904, idderieġa b'ħeġġa ta' żagħżugħ is-Sinfonija u l-Innu ta' San Pawl. Fl-1840, kiteb il-famuża Antifona *Sancte Paulae* u Offertorju li jħarrek il-fibri tal-moħħ u tal-qalb.

Warajhom ħareġ bil-*Flos Carmeli* u xita oħra ta' mużika sagra mill-isbaħ. Fl-1844, ikkompona opra Buffa *La mezza Notte* u dehret in scena fit-Teatru Manoel fl-istess sena b'suċċess kbir.

Mons. Luigi Farrugia fit-tifkiriet tiegħu dwar Dr Paola Nani, jgħarrafna li l-opra ġiet milqugħa mill-pubbliku b'ċapċip kbir. F'dik is-sena, skont Rolandi fl-istess Teatru żżanżnet *La Sonnambula* ta' Vincenzo Bellini. Fl-1873, hu kien il-Maestro dei Cori tat-Teatru Rjal. F'dik is-sena, il-25 ta' Mejju, 1873, waqt li kienet qiegħda ssir il-prova ta' opra ġdida *La Vergine del Castello* ta' Giuseppe Privitera, minn Sirakuża, jgħarrafna li Storjagrofu Sir Temi Zammit fl-Istorja ta' Malta tiegħu, it-Teatru ħa n-nar u fi ftit sigħat in-nar ħeġġeġ kulma kien jista' jinħaraq għad li nies ma kkorrewx. Għall-kbira ħila artistika tiegħu *L'Accademia Filarmonica di Bologna* ħatritu Membru Onorarju mal-Mużiċisti Kompożituri Internazzjonali.

Dr Nani, għad li mgħobbi sewwa bis-snin baqa' ħaddiem, bieżel, ma jibżax minn xogħol u sagrifiċċji. Fl-1838, żagħżugħ, dewwaqna l-ewwel Sinfonija grandjuża tiegħu u fl-1899, xiħ, tana l-aħħar Sinfonija Bizzarra b'dak l-istil qawwi u ħlejju. Dr Paola baqa' sal-aħħar ċajtier u jaf idoqqhom lil min ħaqqu. Darba waħda, waqt pranzu mal-ħbieb, f'ħin l-inbid bdew ir-rimi, Dr Andrè Pullicino fettillu jirrima waħda għal Dr Paolo Nani u siehlu: *il gigante muzicista*. Billi Dr Nani xejn ma kellu mill-ġgant minnufih qam iwieġeb u bit-tazza mfawra bl-inbid, mgħollija 'l fuq ħareġ b'din ir-rima: "Beviam, Beviam per la salute del Dotto Andrè – che è sempre eguale a se tanto seduto quanto in pie." Dr Andrè kien biċċa sew iqsar minn Dr Paola! Il-Malti jgħid: "min iwaħħallek waħda, tistħix twaħħallu oħra imma dak il-waqt."

Bla dubju Dr Paola Nani kien wieħed milli ħadem fl-arti mużikali li permezz ta' ħidmitu ħarġet il-vera mħabba u l-kapaċità fil-kamp mużikali Malti, li għamel ġieħ lil Pajjiżna b'mod partikolari fil-qasam tal-mużika fil-knejjes tagħna.